**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 97/2021/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**George Gatt**

Illum 27 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat **George Gatt**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 468159(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fis-16 ta' Mejju 2012 u fil-ġimghat ta' qabel ġo Salsbury Snack Bar, High Street, Sliema:

1. naqas milli jikkonforma ruħu ma' xi ħtieġa tal-Avviż ta' Tneħħija, liema Avviż ġie mogħti lilu fit-3 ta' Mejju 2012;

2. għamel użu minn forn/forġa f'post li minnu, li minħabba li m'hemmx ċumnija li tieħu d-duħħan għal fuq il-bejt tal-bini, l-istess duħħan qed imur fit-triq jew f'dar viċina, kif ukoll uża dan il-forn u l-forġa b'mod li jdejqu jew ikunu ta' inkonvenjent lill-ġirien.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, barra milli tagħti l-piena, tordna l-eżekuzzjoni tal-liġi taħt penali li jidhrilha xieraq fin-nuqqas.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-1 ta' Marzu 2021 (*a fol.* 273 *et seq.*) fejn il-Qorti ma sabitx lill-appellat ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni u lliberatu minn kull ħtija u piena

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fid-29 ta' Marzu 2021 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"jogħġobha **<u>tħassar u tirrevoka</u>** s-sentenza appellata fejn illiberat lill-appellat George Gatt minn kull imputazzjoni u ħtija, u minflok issibu ħati tal-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu u konsegwentement tinfliġġi piena skont il-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

<u>Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti</u>.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-27 ta' Frar 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi f'dan l-appell l-appellant huwa l-Avukat Ġenerali. Qabel din il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu, hija tal-fehma li l-ewwel tagħmel ri-assunt ta' dak li wassal sabiex l-appellat jiġi mixli quddiem l-Ewwel Qorti f'dan il-każ.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li d-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali rċieva ċertifikat mediku minn għand il-*parte civile* l-Avukat Melvyn Mifsud u l-ilment kellu x'jaqsam ma' użu ta' forn ġewwa Salsbury Bar sitwat f'High Street, Sliema. Id-Direttorat ħareġ Avviż ta' Tneħħija/*Abatement Notice* biex jelimina l-inkonvenjent. Kellha titwaħħal cumnija mas-sistema ta' ventilazzjoni diġa' eżistenti iżda s-sitwazzjoni ma tbiddlitx.

Illi fl-atti proċesswali ġie eżebiet ċertifikat mediku (*a fol.* 8) rilaxxat fl-20 ta' Ottubru 2011 minn Dr. Brendan Caruana Montaldo liema ċertifikat jelenka il-kondizzjonijiet mediċi li l-Avukat Melvyn Mifsud ġie ċċerifikat li kellu. Dawn huma s-segwenti: *asthma, allergic rhinitis* u *obstructive sleep apnoea*. Dr. Brendan Caruana Montaldo xehed dwar dan iċ-ċertifikat fil-11 ta' Ottubru 2017 (*a fol.* 174 *et seq.*).

Illi fir-rapport (*a fol.* 11 *et seq.*) li ppreżenta l-**Inġinier Oliver Aquilina** li ġie maħtur mill-Ewwel Qorti (*a fol.* 2) ingħad, fost l-oħrajn, hekk:

> *"**Smoke***
> *The existing installation is adequate for the removal of grease and smoke from the exhaust air. The filters on the hood and on the chimney exhaust are sufficient to prevent any of these contaminants to be discharged in the courtyard, provided that these are regularly cleaned and replaced.*
>
> ***Odour***
> *The system does not provide for odour (cooking smells) removal as required by local regulations.*

*Developement Control Policy and Design Guidance 2007 Section 15.5 clearly specifies these requirements for elimination of cooking smells from restaurants, snack bars and other class 6 uses. These requirements define 2 alternative solutions.*

1. *Provide a chimney exhausting at least 3 metres above the roof of the building. Chimney has to satisfy various conditions in this clause as well as in section 10.12 of the same document.*

2. *Provide adequate filtering to remove* ***all odours****, smoke and grease.*

   *Removal of odours can be achieved by installation of activated carbon filters properly sized to cater for the actual airflow rate. Such filters have to be certified by supplier to be sufficient for the particular installation and must be properly maintained/replaced as necessary.*

*It is strongly recommended that alternative 1 above (installation of chimney to roof) is adopted since this is guaranteed to eliminate odour contamination in the common shaft without excessive maintenance and replacement costs."* [emfażi miżjuda]

Jirriżulta li l-Inġinier Aquilina rrakomanda l-ewwel alternattiva. Meta xehed (*a fol.* 54) huwa rrifera għall-kummenti li kien għamel f'Nota (*a fol.* 61) dwar *flue top termination, flue drain, noise suppression*, ċertifikat minn enġinier u permessi. Meta reġa' xehed (*a fol. 87 et seq.*) huwa xehed dwar il-possibilita' li titla' ċumnija mingħajr ma sserraħ ma' mkien. Huwa qal li kien xogħol ta' Perit li jiċċertifika jekk tali ċumnija setgħetx issir għalkemm wara żied li strutturi bħal dawn telgħu. Għandu jittieħed ukoll in konsiderazzjoni Dok. "OAY" (*a fol.* 91 *et seq.*) mħejji mill-Inġinier Aquilina liema dokument huwa datat 29 ta' Diċembru 2014 fejn jingħad li l-appellat kien talab lill-Perit John Demicoli u lill-Inġinier Johan Psaila biex jagħmlu disinn taċ-ċumnija b'dan illi l-Inġinier Aquilina kkonkluda hekk: *"This final design includes all the*

*measures deemed necessary to satisfy the regulations as listed above"* (*a fol.* 92).

Illi meta l-istess Inġinier Aquilina ttella' jixhed in kontro-eżami (*a fol.* 106 *et seq.*) huwa qal li ma kienx ivverifika fuq permessi mill-Pulizija u qal ukoll li ma kienx japplika hu għall-permessi tal-MEPA. Jgħid li lanqas ma vverifika fuq il-bini adjaċenti għax ma kienx kompitu tiegħu u li fl-aħħar huma l-Perit u l-Inġinier li huma responsabbli li jagħmlu kollox skont il-liġijiet. Jgħid li lanqas kien kompitu tiegħu li jivverifika mar-residenti tal-blokk.

Illi, apparti dak li ngħad hawn fuq, fl-atti proċesswali jirriżultaw wkoll, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- **Christine Farrugia** (*Environmental Health Officer – a fol.* 44 *et seq.*) ikkonfermat li l-Awtorita' irċeviet ic-ċertifikat mediku tal-Avukat Melvyn Mifsud fl-24 ta' April 2012. Tgħid li ma kienx hemm riħa meta marret fuq il-post fis-1.30pm. Magħha kien hemm Claudia D'Agostino u tispjega li raw il-*canopy hood* li kellha *suitable filters* u li kienet qegħda taħdem u tgħid ukoll li fix-*shaft* hemm *extractor* li kellu l-*filters*. Tgħid li l-appellat kien uriehom ċumnija biex itellagħha sa fuq il-bejt imma ma kienx ġab il-kunsens tal-ġirien. Tgħid li fit-3 ta' Mejju 2012 kienet ħarġet Avviż ta' Tneħħija u fis-16 ta' Mejju 2012 għamlet spezzjoni b'dan illi ċ-ċumnija ma kinitx sa fuq u baqa' kollox kif kien u bdiet l-azzjoni legali. Tagħlaq billi tgħid li l-Avviż ta' Tneħħija sar għax kien sar l-ilment u tgħid: *"Jiġifieri kieku mort nagħmel inspection ma kien hemm xejn ħażin"* (*a fol.* 46).

- L-**Avukat Melvyn Mifsud** (*a fol.* 48 *et seq.*) qal li l-appellat kien ħa *over* u beda juża' ċ-ċumnija li qegħda eżatt taħtu. L-Ewwel Qorti staqsiet lill-Inġinier li qal li l-appellat kellu *filters* iżda r-riħa ma jneħħuhiex u li biex tneħħi r-riħa għandek bżonn *filters* speċjali. Mifsud għamel riferenza għal Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija fejn qal li dan jistipula li ma jistax ikollok forn mingħajr ċumnija fuq il-bejt. Jingħad ukoll li fis-seduta

tas-16 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 67) quddiem l-Ewwel Qorti il-*parte civile* oġġezzjona għall-proposta dwar iċ-ċumnija.

- **Joe Farrugia** (in rappreżentanza tal-MEPA – *a fol.* 110 *et seq.*) qal li kien hemm proposta biex artikolu dwar iċ-ċumniji fil-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta kellu jitneħħa. Kienet rikjesta distanza mill-appoġġ għaċ-ċumnija u għall-forn – din kienet ser tispiċċa u l-aħjar li jirrispondi kien d-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali.

- L-**Onor. Ministru Chris Fearne** (*a fol.* 117 *et seq.*) xehed li kien iltaqa' ma' l-Avukat Melvyn Mifsud għal ftit minuti u dwar dan is-suġġett l-aħjar persuna biex tixhed kien id-Direttur tas-Saħħa Ambjentali.

- **Oliver Magro** (in rappreżentanza tal-Awtorita' tal-Ippjanar – *a fol.* 119 *et seq.*) xehed li l-ewwel l-*policy* dwar iċ-ċumniji saret fis-sena 2005 u li qabel ma kinux regolati. Waqt id-depożizzjoni ta' Magro, il-*parte civile* qal li ċ-ċumnija kienet saret fis-sena 1998.

- **Clive Tonna (**Direttur tal-*Environmental Health* – *a fol.* 121 *et seq.*) qal li huma jiffukaw fuq il-kċina, it-temperatura u l-ventilazzjoni. Jgħid li joħorġu rakkomandazzjonijiet kemm lil MEPA kif ukoll lil MTA. Jgħid li għandhom biss linji gwida u huma entitajiet oħra li jirregolaw iċ-ċumniji. Fil-kontro-eżami qal li fil-passat dawn kienu jkunu liċenzjati mill-Pulizija.

- **Mark Cutajar** (Spettur Sanitarju – *a fol.* 126 *et seq.*) qal li kellhom Linji Gwida (Dok. "MC 1" – *a fol.* 129 *et seq.*) li ma għandhomx forza ta' liġi u li dawn ħarġu fis-sena 2010. Jgħid li l-appellat kien lest li jirranġa u li l-unika problema kienet biex jitla' d-*ducting* fuq il-bejt.

- L-appellat **George Gatt** (*a fol.* 137 *et seq.*) xehed li kien ħa l-bar relatat mal-kwistjoni taċ-ċumnija fit-13 ta' Diċembru 2009 u li kien hemm il-permessi meħtieġa mis-sena 1962. Jgħid li meta

ħarġet iċ-ċitazzjoni, ma tħalliex itella' ċ-ċumnija sa fuq. Jispjega li kien ġab Inġinier u żied żewġ *filters* fl-aħħar taċ-ċumnija u li issa hemm tliet *filters*. Jgħid li huwa dejjem ma' l-Avukat Melvyn Mifsud kien tkellem u mhux ma' residenti oħrajn.

- **Claudia D'Agostino** (in rappreżentanza ta' *Environmental Health Office – a fol.* 184 *et seq.*) qalet li kienu rċevew ċertifikat mediku minn għand l-Avukat Melvyn Mifsud rigward dawk li hija ssejjaħ *foul smells* li kienu ġejjin minn Salzbury Snack Bar, ġo High Street, Sliema u hi u Christine Farrugia marru jiċċekkjaw il-*hoods* u l-*filters*. Tgħid li qalulhom li dawn il-*foul smells* kien ħerġin mix-*shaft* u li huma ma kienu xammew xejn. Tixhed li l-appellat kien qalilhom li kellu ċ-ċumnija lesta iżda ma kinitx imqabbda għax ma kellux permessi. Tispjega li l-*extractor fan* kien fi stat tajjeb ta' *"hygiene and repair"*. Tgħid li l-Avviż ta' Tneħħija nħareġ għaliex kellu jagħmel iċ-ċumnija u la ma kellux permess, l-Avviż ta' Tneħħija nkiser. Fil-kontro-eżami qalet li kien *extractor fan* bil-*filters*. Qablet li l-*extensions* kienu lesti biex jitqabbdu iżda l-appellat kien qalilhom li ma kellux permess minn nies li joqogħdu ġol-blokka u li riedu jagħtuh permess biex iqabbad mal-ħajt. Tgħid li huma ħarġu l-Avviż ta' Tneħħija għaliex insista l-*parte civile* b'dan illi da parte tiegħu l-*parte civile* nnega li għamel xi pressjoni.

Illi għall-kompletezza għandu jingħad ukoll is-segwenti:

- Fl-24 ta' Settembru 2015 (*a fol.* 84 *et seq.*) l-Ewwel Qorti ċaħdet talba tal-*parte civile* fejn talab li ssir riferenza kostituzzjonali.

- L-Ewwel Qorti tat is-sentenza finali tagħha (*a fol.* 154 *et seq.*) dwar l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellat fit-18 ta' Mejju 2017 b'dan illi d-data ndikata fis-sentenza ġiet indikata bħala dik tat-18 ta' Mejju 2015.

- Fid-19 ta' April 2018 (*a fol.* 223 *et seq.*) din il-Qorti diversament preseduta tat digriet li bih ċaħdet it-talba ta' l-Avukat Melvyn Mifsud biex jerġa' jiddeponi.

- Fil-25 ta' Ġunju 2020 (*a fol.* 243 *et seq.*) din il-Qorti diversament preseduta tat sentenza fejn iddikjarat is-sentenza tal-Ewwel Qorti bħala nulla u fejn ordnat li l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

- Fis-7 ta' Lulju 2020 (*a fol.* 248) l-Ewwel Qorti li tat is-sentenza astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-każ stante li kienet diġa' ppronunzjat ruħha dwar il-każ.

- Fis-seduta tal-1 ta' Diċembru 2020 (*a fol.* 254 *et seq.*) miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti kif diversament komposta, il-Prosekuzzjoni, id-difiża u l-*parte civile* iddikjaraw li kienu qed jeżentaw lil dik il-Qorti milli terġa' tisma' x-xhieda li kienu diġa' xehdu quddiem il-Qorti diversament preseduta b'dan illi l-Prosekuzzjoni talbet li jixhdu l-iSpetturi tas-Sanita' sabiex jaġġornawha dwar is-sitwazzjoni li żvolġiet wara li kienet ingħatat is-sentenza tat-18 ta' Mejju 2017. L-Ewwel Qorti ċaħdet din it-talba u ddikjarat il-provi magħluqa.

- Fl-1 ta' Marzu 2021 (*a fol.* 273 *et seq.*) l-Ewwel Qorti tat is-sentenza tagħha li minnha qed jiġi kkunsidrat dan l-appell tal-Avukat Ġenerali.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet

> raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

Illi għalhekk li trid tagħmel din il-Qorti huwa li tistħarreġ jekk bil-provi mressqa l-Ewwel Qorti setgħetx tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-aggravji tal-appellant Avukat Ġenerali huwa li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi u kif ukoll għamlet enunċjazzjoni żbaljata tal-liġi. Jgħid li l-Ewwel Qorti ċaħdet talba tal-Prosekuzzjoni li riedet li jixhdu Spetturi tas-Sanita' biex jgħidu xi żviluppi kien hemm. Jisħaq li dan il-każ idur ma' Artikoli 12(1) u (6) tal-Kapitolu 465 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar is-Saħħa Pubblika) u Artikolu 128(b) tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta (Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija).

Illi l-appellant Avukat Ġenerali l-ewwel jagħmel riferenza għall-ewwel (1) imputazzjoni u mbagħad jagħmel riferenza għat-tieni

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

(2) imputazzjoni u jsostni li l-Ewwel Qorti kellha ssib lill-appellat ħati tagħhom.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-rigward tal-<u>ewwel (1) imputazzjoni</u> l-appellant Avukat Ġenerali jisħaq li l-appellat kellu jwaħħal ċumnija 'l fuq mill-arja tal-bejt u jieħu dawk il-miżuri meħtieġa biex jelimina r-riskji għas-saħħa. Jgħid li meta l-*Environmental Health Officer* Christine Farrugia marret fuq il-post, hija rat il-*canopy hood* li kellha *suitable filters* u kienet qed taħdem u lanqas ma kien hemm riħa ta' ikel fix-*shaft* iżda nnutat li l-*extractor fan* ma kienx jibqa' tiela' sa fuq il-bejt b'dan illi l-appellat qal li kellu ċumnija iżda ma ramahiex peress li ma kienx ġab permess minn għand il-ġirien. Jargumenta li meta reġgħet marret, kollox kien għadu l-istess u li għalhekk huwa applikabbli Artikolu 12(6) tal-Kapitolu 465 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellant Avukat Ġenerali jagħmel riferenza għall-fatt li l-espert maħtur mill-Ewwel Qorti kien ħareġ żewġ rakkomandazzjonijiet: kemm dwar l-għoli taċ-ċumnija kif ukoll dwar li jintużaw *filters*. Ma jaqbilx meta l-Qorti kkonkludiet li l-Avviż tat-Tneħħija nħareġ mingħajr bażi legali fil-liġi. Jisħaq li d-Direttorat tas-Saħħa mill-ewwel jieħu l-miżuri neċessarji meta jirċievi tali lmenti u hekk għamel f'dan il-każ waqt li l-appellat naqas li jieħu l-prekawzjonijiet proposti mill-Inġinier espert tal-Qorti. Jgħid li għal dawn ir-raġunijiet kollha, l-Ewwel Qorti kellha ssib lill-appellat ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni.

Illi l-appellat (*a fol.* 300 *et seq.*) wieġeb li l-*parte civile* kien ippreżenta ċertifikat mediku fit-12 ta' April 2012 meta kien ilu madwar sentejn ma jirrisjedi fil-fond in kwistjoni minħabba ħsejjes. Jisħaq li l-Espert maħtur mill-Ewwel Qorti kkonferma li hu għandu *canopy unit* b'sistema funzjonanti ta' *extractors* u li huwa l-*parte civile* li qed joġġezzjona li titwaħħal iċ-ċumnija għaliex hu (l-appellat) għandu din iċ-ċumnija. Jisħaq li hu mexa mar-rakkomandazzjoni tal-Perit billi waħħal *filter* sekondarju. Jgħid li ċ-ċumnija kienet tgħin imma l-*parte civile* baqa' jopponi. Jgħid ukoll li l-Uffiċjal tal-Awtorita' ikkonfermat li l-*canopy* kienet

qed taħdem u kienet nadifa. Jisħaq li hu ma kellux xi jneħħi ġialadarba s-sistema kienet qed taħdem.

Illi Artikolu 12 tal-Kapitolu 465 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula s-segwenti:

> "(1) Meta s-Suprintendent jew uffiċjal awtorizzat ikun tal-fehma, fuq bażi raġonevoli, li xi ħtieġa taħt dan l-Att jew taħt regolamenti maħruġin taħtu ma tkunx qegħda tiġi mħarsa, huwa jista' joħroġ avviż ta' tneħħija lil kull min jidhirlu li jkun responsabbli li jħares jew jiżgura li tiġi mħarsa dik il-ħtieġa:
>
> […].
>
> (2) Avviż ta' tneħħija jsir bil-miktub u għandu jkun fih:
>
> (a) id-dettalji rilevanti kollha li jkunu jirrigwardaw l-kontravvenzjoni; u
>
> (b) l-indirizz jew indikazzjoni tal-post fejn tkun qegħda ssir il-kontravvenzjoni; u
>
> (ċ) ordni fejn jiġi ddikjarat x'ikun meħtieġ biex jitħares l-avviż.
>
> […]
>
> (6) Persuna lil lilha jkun ġie notifikat avviż ta' tneħħija u li tonqos milli tikkonforma ruħha ma' xi ħtieġa tal-avviż, tkun ħatja ta' reat taħt dan l-Att u l-qorti tista', minbarra li tagħti l-piena, tordna lill-akkużat biex jesegwixxi dawk ix-xogħlijiet li jkunu meħtieġa biex jipprevjeni li dak il-ksur jerġa' jiġri mill-ġdid."

Illi din il-Qorti tinnota li fit-3 ta' Mejju 2012 id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali ħareġ Avviż ta' Tneħħija (*a fol.* 5) bis-saħħa ta' Artikolu 12 ta' l-Att dwar is-Saħħa Pubblika fejn l-appellat ġie

ordnat: *"To eliminate any Public Health risks and/or nuisances that may be caused by fumes emanating from the canopies that are situated above the oven and cooking range at the location indicated below."*

Illi meta marru l-*Environmental Health Officers* Christine Farrugia u Claudia D'Agostino sabu li fix-*shaft* ma kienx hemm riħa ta' ikel u dana minkejja li kienu marru fil-ħin meta jkun qed jiġi ppreparat l-ikel. Il-*canopy hood* kellha *suitable filters* u kienet qegħda taħdem u anke l-*extractor fan* kien qed jaħdem ukoll. Jirriżulta li l-appellat kellu ċumnija li kien lest biex itellagħha sa fuq il-bejt iżda ma kellux permess mill-ġirien u jingħad li kien għalhekk li nħareġ l-Avviż ta' Tneħħija hawn fuq imsemmi b'dan illi meta marru fis-16 ta' Mejju 2012 kollox kien baqa' kif kien.

Illi l-Qorti tieħu wkoll in konsiderazzjoni dak li qal l-Inġinier Oliver Aquilina (*a fol.* 87 *et seq.*) meta qal li l-*extractor* li qed jiġbed minn fuq il-magni tal-kċina u jitfagħhom fil-bitħa fih tliet *filters* u esprima l-fehma li setgħet titla' ċ-ċumnija mingħajr ma sserraħ ma mkien. Il-Qorti kkunsidrat ukoll li l-istess Inġinier Aquilina qal li s-sitema mħaddma mill-appellat *"does not provide for odour (cooking smells) removal as required by local regulations"* (*a fol.* 12) b'dan illi ssuġġerixxa li jew titla' ċ-ċumnija jew *"provide adequate filtering to remove **all odours**, smoke and grease"* (*a fol.* 13). Huwa rrakkomanda li ssir l-ewwel alternattiva ċioè dik li tiġi nstallata ċumnija *"since this is guaranteed to eliminate odour contamination in the common shaft without excessive maintenance and replacement costs"* (*a fol.* 13).

Illi din il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa wkoll il-kondizzjonijiet ta' saħħa tal-*parte civile* hekk kif stabbiliti minn Dr. Brendon Caruana Montalto u dak li huwa xehed (*a fol.* 174 *et seq.*). Huwa xehed li diffiċli tgħid x'inhi l-kawża tal-*asthma* waqt li *allergic rhinitis* hija komuni ħafna. Dwar is-*sleep apnoea* huwa qal li din għandha x'taqsam mal-piż.

Illi dwar l-ewwel (1) imputazzjoni din il-Qorti jirriżultalha li l-appellat tassew ma kienx tella' ċ-ċumnija bejn l-ewwel żjara u t-tieni żjara tal-*Environmental Health Inspectors* iżda ma jidhirx li l-

appellat ma tellgħax iċ-ċumnija apposta jew b'diżrispett. Is-sitwazzjoni tiegħu ġiet *ad impossibilia nemo tenetur* u dan qed jingħad b'rispett għad-dritt tal-proprjeta' tal-*parte civile*. Din il-Qorti mhijiex il-*forum* biex tiddeċiedi xi vertenzi bħal dawn. L-appellant Avukat Ġenerali jirreferi għal dak li ssuggerixxa l-Inġinier maħtur mill-Ewwel Qorti imma dan is-suggeriment sar wara t-tieni żjara tal-uffiċjal tal-*Environmental Health* u għalhekk ma jistax l-appellat jinstab ħati dwar nuqqas li ma kienx indikat qabel ma ħareġ l-Avviż ta' Tneħħija.

Illi b'żieda ma' dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti tinnota wkoll li l-*parte civile* bl-ebda mod ma pprova li l-kondizzjonijiet ta' saħħa li qed ibagħti minnhom huma b'xi mod marbuta ma' xi emissjonijiet mill-forn tal-azjenda in kwistjoni. Jirriżulta li r-rapport sar fis-sena 2012 meta jingħad li l-*parte civile* mar joqgħod band'oħra sentejn qabel. Għaldaqstant, f'dawn iċ-ċirkostanzi, din il-Qorti ssib li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ma sabitx ħtija fl-appellat tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-rigward tat-<u>tieni (2) imputazzjoni</u> l-appellant Avukat Ġenerali jirreferi għal Artikolu 128(b) tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta. Jisħaq li ċ-ċumnija ma kienet koperta bl-ebda permess u jargumenta li minn qari ta' Artikolu 128(b) tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta jemanu s-segwenti żewġ sitwazzjonijiet: (a) li ħadd ma jista' jibni jew jagħmel użu minn forn, fuglar jew forġa f'ebda post mingħajr ma jkun hemm ċumnija li tieħu d-duħħan għal fuq il-bejt ta' dak il-bini, anke jekk addiriturra tali duħħan <u>jista</u>' jmur f'dar jew triq viċina; jew (b) li ħadd ma jista' juża forn, fuglar, jew forġa b'mod li jkunu jdejqu jew ikunu ta' inkonvenjent lill-ġirien. Jgħid li l-Ewwel Qorti abbinat punt (b) imsemmi minnu ma' punt (a) meta hemm provi fil-atti proċesswali li juru li l-użu tal-forn kien qed ikun ta' inkonvenjent għall-*parte civile*. Jisħaq li l-appellat baqa' ma ndirizzax dan l-inkonvenjent. Jisħaq ukoll li skont l-Inġinier Oliver Aquilina: *"The system does not provide for odour (cooking smells) removal as required by local regulations"* (*a fol.* 12) u li waħda mis-soluzzjonijiet hija *"provide adequate filtering to*

*remove all **odours**, smoke and grease"* (*a fol.* 13). Jgħid li l-Ewwel Qorti naqset li tindirizza din is-soluzzjoni u li l-filtraġġ baqa' ma twaħħalx u li l-inkonvenjent baqa' hemm. Jisħaq li t-tieni (2) imputazzjoni ġiet ippruvata mill-Prosekuzzjoni

Illi l-appellat (*a fol.* 300 *et seq.*) wieġeb li meta marret il-*Health Inspector* waqt il-ħin tal-ikel, hija ma xammet ebda riħa. Jsostni li r-rakkomandazzjoni dwar l-installar tal-*carbonfilters* ittieħdet mill-ewwel. Jgħid li la kien hemm inkonvenjent qabel il-każ u lanqas wara u li dak li ngħad mill-*parte civile* huwa bbażat fuq *malafede*.

Illi Artikolu 128 tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> Ħadd ma jista' -
>
> (a) jibni ċumnija, forn, jew forġa, ma' ħajt, ukoll jekk dak il-ħajt ikun kollu ta' proprjeta' tiegħu, bejn fondi ta' sidien diversi;
>
> (b) jibni forn, fuglar, jew forġa, jew jagħmel użu minnhom, f'ebda post li minnu, minħabba li ma jkunx hemm ċumnija li tieħu d-duħħan għal fuq il-bejt ta' dak il-bini, dak id-duħħan jista' jmur fit-triq jew f'dar viċina, jew li juża dan il-forn, fuglar jew forġa b'mod li jkunu jdejqu jew ta' inkonvenjent lill-ġirien; [...]."

Illi dwar it-tieni (2) imputazzjoni din il-Qorti tinnota li ma tressqet l-ebda prova li d-duħħan tal-forn tal-appellat kien qed imur fit-triq jew f'dar viċina. Barra dan qed issir konsiderazzjoni wkoll tal-parti l-oħra ta' dan il-paragrafu jiġifieri *"jew li juża dan il-forn, fuglar jew forġa b'mod li jkunu jdejqu jew ta' inkonvenjent lill-ġirien"*. Artikolu 2 tal-Kapitolu 465 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti s-segwenti definizzjoni tal-kelma "inkonvenjent": *"interferenza mhux skont il-liġi, f'dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa pubblika, fit-tgawdija ta' proprjeta' jew mal-istil ta' għixien ta' persuna u li tkun waħda ta' preġudizzju għas-saħħa u jkollha element repetittiv."*

Illi l-elementi ta' Artikolu 128(b) tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta huma s-segwenti:

- li ma jkunx hemm ċumnija li tieħu d-duħħan fuq il-bejt;
- li jintuża forn, fuglar jew forġa;
- b'mod li jkunu jdejqu jew ta' inkovenjent lill-ġirien.

Illi fid-dawl ta' dak li ngħad aktar 'il fuq, din il-Qorti mhijiex sodisfatta li kien ippruvat l-aħħar element, aktar u aktar meta jingħad li l-*parte civile* kien telaq madwar sentejn qabel mill-post waqt li ċ-ċitazzjoni hija marbuta ma' perjodu ta' żmien ċioè *"fis-16 ta' Mejju, 2012 u fil-ġimgħat ta' qabel."* Għalhekk anke f'dan il-każ, l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ma sabitx ħtija fl-appellat tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu.

Illi b'hekk il-Qorti qed tiċħad l-aggravji kollha mressqa mill-appellant Avukat Ġenerali fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellat.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**